Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Ottubru 2024**
**(OR. en)**

**14029/24**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0356(COD)**

**CODEC 1872**
**ENV 968**
**STATIS 101**
**RECH 432**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tar-rappurtar għal infrastrutturi għall-informazzjoni ġeografika (**l-ewwel qari**)<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-17 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta[1] tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Diċembru 2023[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

4. Fl-14 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-16 sad-19 ta' Settembru 2024. Din tirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] 15050/23 + COR 1.
[2] ĠU C, C/2024/1586, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1586/oj.
[3] 13397/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 84/24, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.